# Għażiż Tony

Kif kont ninżel inżur l-ommi
Hemm kont narak bilqiegħda,
Fuq is-siġġu matul is-sajf
Qalbi kienet fil-hena.

Bejn xi kelma u bejn oħra
Konna nifirħu b'xulxin,
Mingħandek dejjem hadt kelma
Ta' faraġ u ta' twemmin.

Faċċata tiegħek int kellek
Skola tal-ilsien Ingliż,
Studenti minn tant pajjizi
Jitghallmu, kulhadd intiż.

Kemm żejnek b'doni mill-aqwa
Gesù Sidna, is-Sinjur,
B'ħidmietek mimlija mħabba
inti kont tassew l-unur.

Għal dak kollu li hu Malti
Ħallejtilna għerf hekk kbir,
Fuq tant knejjes u kappelli
X'ma nagħtux 'l Alla tifhir.

Ismek jibqa' hekk imnaqqax
Fil-qalb ta' min hu studjuz,
Kitbietek ħelwa u għarfa
Tferraħ il-qalb tal-kurjuż.

Issa strieħ qalbieni sieket
Li mlejt l-artna b'bosta gieħ,
Gawdih issa f'Daru qaddisa
Għinna b'talbek, qed tgħix fih.

Patri Mario Attard OFM Cap
17 ta' Frar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.